MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Numru 938/2011

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Anton Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 213980M, akkuzat talli:

1. fl-14 ta' Awissu 2011, ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, waqt li kie fi Triq il-Parrocca, Zebbug, u /jew fil-Kwartieri General ital-Pulizija, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra l-persuna tal-Ispettur Michael Mallia, PS 90 Jeffrey Gerada, PS 601 Justin Spiteri u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija,

ilkoll persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni immedjatament hawn fuq imsemmija, ilkoll persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. fl-istess data u f'dawn il-Gzejjer ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' membri tal-Korp tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li kienu ghamlu skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

4. fl-istess data u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

5. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati tal-addebiti migjuba kontra tieghu li jittrattaw l-attakk u rezistenza kontra membri tal-pulizija “officio durante”, t-theddid u ingurji maghmula kontra l-istess, l-offiza kontravenzjonali li ma obdiex ordnijiet legittimi, r-recidiva, u pussess ta’ munizzjon, f’dan il-kaz, ta’ balla minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-Artikolu 95, 96, 338(ee), 17(d) tal-Kap 9 u l-Artikolu 5 u 51 tal-Kap 480.

Tiddeciedi li tapplika l-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall- perjodu ta’ tliet snin mill-lum billi tpoggih taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-Probation u dwar l-addebitu koncernanti l-munizzjon, tikkundannah 233 Ewro bil-fakulta’ li jithallsu b’rati ta’ 10 Euro fix-xahar, l-ewwel pagament sal-ahhar ta’ Gunju ta’ din is-sena u b’pagamenti f’kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti u konsekuttivi bid-dekadenza fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------